

## II

(Attie mhux leġiżlattivi)

**DEĊIJONIJIET****DEĊIJONI TAL-KUNSILL EWROPEW (UE) 2019/1740****tas-18 ta' Ottubru 2019****li taħtar il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew**

IL-KUNSILL EWROPEW,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 283(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kunsill Governattiv tal-Bank Ċentrali Ewropew (³),

Billi:

- (1) Il-mandat tal-President tal-Bank Ċentrali Ewropew, is-Sur Mario DRAGHI, maħtut bid-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/386/UE (⁴), jiskadi fil-31 ta' Ottubru 2019 u huwa għalhekk meħtieġ li jinħatar President ġdid tal-Bank Ċentrali Ewropew.
- (2) Il-Kunsill Ewropew jixtieq jaħtar lis-Sinjura Christine LAGARDE li, fil-fehma tiegħu, tissodisa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 283(2) tat-Trattat,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Is-Sinjura Christine LAGARDE hija b'dan maħtura President tal-Bank Ċentrali Ewropew għal mandat ta' tmien snin mill-1 ta' Novembru 2019.

*Artikolu 2*

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

(¹) ĠU C 235, 12.7.2019, p. 1.

(²) Opinjoni mogħtija fis-17 ta' Settembru 2019 (għadha ma ġietx ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali).

(³) ĠU C 258, 1.8.2019, p. 2.

(⁴) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill Ewropew 2011/386/UE tal-24 ta' Ġunju 2011 li taħtar il-President tal-Bank Ċentrali Ewropew (ĠU L 173, 1.7.2011, p. 8).

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-18 ta' Ottubru 2019.

*Għall-Kunsill Ewropew*

*Il-President*

D. TUSK

---